**Regolamenti dwar l-Elezzjoni tal-2024 għal Membri għall-Bord tal-Inġiniera maħruġa mill-istess Bord fis-16 ta' Awwissu 2024.**

1. Il-Kummissjoni maħtura skont Regolament Nru. 3 ta' hawn taħt, qegħda tagħmel dawn ir-regolamenti li jistgħu jissejhu r-Regolamenti dwar Elezzjoni 2024 ta' Membri skont Artikolu 6 tal- Att tal-Inġinjiera, KAP 321 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm -il darba ma jkunx hemm imfisser mod ieħor: -

   i. "Ic-Chairman tal-Kummissjoni tal-Elezzjoni" tfisser ic-Chairman li għandu jkun avukat ai termini tal-Artikolu 6(1)(a) tal-Att 321 tal-Liġijiet ta' Malta.

   Ii. "Il-Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni tal-Elezzjoni kif maħtura skond ir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti;

3. (i) Għandu jkun hemm Kummissjoni, li tissejjaħ "Kummissjoni tal-Elezzjoni għal Membri fuq il-Bord tal-Inġiniera" li tkun responsabbli biex tmexxi l-elezzjoni għall-ħatra ta' dawn il-membri. Il-Kummissjoni għandha tkun komposta minn tlett (3) persuni maħtura mis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru li taħtu jaqa l-Bord, fosthom persuna legali bħala 'Chairperson' kif stipulat fl-Artikolu 2 ta' dawn ir-regolamenti u minn zewġ (2) uffiċjali tal-istess Ministeru li taħtu jaqa l-Bord tal-Inġiniera li izda ebda wieħed mill-Kummissjoni m'għandu jkun Inġinier.

   (ii) Il-Kummissjoni tal-Elezzjoni tista' tawtorizza lill-persuni maħtura minnha biex jagħmlu minflokha kull ħaġa li għandha x'taqsam mat-tmexxija jew proċedura tal-elezzjoni u kull ħaġa magħmula bis-saħħa ta' dik l-awtorizzazzjoni titqies bħallikieku tkun saret mill-Kummissjoni.

4. L-Uffiċċju tal-Kummissjoni tal-Elezzjoni jkun fil-Meeting Hub Block B, Ministeru għat-Transport, Infrastruttura u Xogħlijiet Pubbliċi, Triq Francesco Buonamici, Furjana.

**AVVIŻI GĦALL-ELEZZJONI**

5. (i) Il-Kummissjoni għandha malajr kemm jista' jkun tieħu ħsieb li ticcirkola avviż bil-posta lil dawk il-persuni li għandhom il-warrant ta' Inġiniera u qegħdin fuq il-lista ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-26 ta’ April 2024, liema avviż għandu jinkludi:-

a il-post, il-ġranet u l-ħinijiet li fihom il-Kummissjoni. tircievi n-nomini ta' kandidati;

b il-post, il-ġurnata u l-ħinijiet li fihom għandha ssir il-votazzjoni;

c il-post, id-data u l-ħin li fihom għandu jsir l-għadd tal-voti;

d Link fejn wiehed jista jara r-regolamenti li ser taghmel uzu minnhom il-Kummissjoni;

e Link fejn wiehed jista jara l-Inginiera li gew innominati;

(ii) Il-Kummissjoni ghandha tesponi għall-informazzjoni ta' kulħadd dawn l-istess Regolamenti kif ukoll l-informazzjoni msemmija f'paragrafu 5(1) f'post prominenti fil-postijiet imsemmija hawn taħt:

a. fuq il-website tal-Bord tal-Inginiera

b. il-Ministeru tat-Trasport, Infrastruttura u Xoghlijiet Pubbliċi - Public Works u Ippjanar, fil-Meeting Hub Blk B, Triq Francesco Buonamici, Floriana;

c. fl-Ufficcju tal-Kamra tal-Inġiniera, The Professional Centre, Triq Tas-Sliema, il-Gżira.

6. **NOMINA TA' KANDIDATI**

6. Kandidat għall-elezzjoni għandu, minbarra li jissodisfa l-kundizzjonijiet li għandu Warrant skont kif tipprovdi l-Liġi, ikollu ismu jidher fuq il-lista msemmija f'paragrafu 5(i) ta dawn ir-regalamenti u jrid jiġi nnominat bil-kitba minn proponent u sekondat minn persuna li t-tnejn li huma ukoll jissodisfaw l-kundizzjonijiet li għandhom Warrant skond il-liġi u li ghandhom ɨd-dritt li jivvotaw fl-istess elezzjoni.

7. Kull nominazzjoni għandha tkun f'għamla preskritta mill-Kummissjoni u fuq il-formola li l-Kummissjoni tkun bghatet u għandu jkun fiha:

   i. l-ismijiet sħaħ, il-kwalifiki u l-indirizz tal-kandidat, il-proponent u s-sekondant,

   ii. dikjarazzjoni li turi li l-kandidat aċċetta n-nomina,

   iii. ma l-applikazzjoni ghandu jigi mehmuz ritratt originali tal-passaport tal-kandidat flimkien ma CV ta' l-istess kandidat ta' mhux aktar minn (150) mija u ħamsin kelma.

8. Formoli tan-nominazzjoni mimlija kif suppost għandhom jiġu mogħtija personalment lil wieħed mill-membri tal-Kummissjoni fil-ġranet u l-ħinijiet stabbiliti. Għandha tingħata riċevuta mill-Kummissjoni għal kull nominazzjoni preżentata.

9. Formoli tan-nominazzjonijiet mimlija kif suppost jintlaqgħu mill-Kummissjoni fuq perjodu ta' mhux aktar minn tlett ijiem u f'ħinijiet kif ikunu stabbiliti mill-Kummissjoni. L-ebda kandidat ma għandu jiġi nnominat aktar minn darba għall-elezzjoni.

   Il-granet ser ikunu t-Tnejn 19, Tlieta 20 u l-Erbgha 21 t'Awwissu bejn id-9.00a.m. u 12.00pm [nofsinhar] ġewwa il-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Xogħlijiet Pubbliċi fil-Meeting Hub Blk B, Triq Francesco Buonamici, Floriana,

10. Irid ikun hemm perjodu ta' mhux anqas minn gimgha bejn l-aħħar data minn meta jiġu milqugħa n-nominazzjonijiet u l- ġurnata meta ssir il- votazzjoni.

11. Wara li jagħlaq iż-żmien għan-nominazzjonijiet il-Kummissjoni trid tippubblika fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa l-lista ta' dawk in-nominazzjonijiet li tkun irċeviet permezz li tesebixxi tali lista :-

a. Fuq il-website tal-Bord tal-Inginiera

b. Fil-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Xogħlijiet Pubbliċi fil-Meeting Hub Blk B, Triq Francesco Buonamici, Floriana,

c. Fl-Uffiċċju tal-Kamra tal-Inġiniera, The Professional Centre, Triq Tas-Sliema, il-Gżira.

Il-Kummissjoni fis 26 ta Awwissu 2024 bejn 9am u 12pm (nofsinhar) tkun qed tirċievi oġġezzjonijiet fuq xi wieħed jew izjed minn dawk li jkunu nominati jew biex tirċievi irtirar ta nominazzjoni jew nominazzjonijiet li jkun saru.

12. (a) Tista' ssir oġġezzjoni għal nomina ta' kandidat minħabba li fiha d-deskrizzjoni tal-kandidat ma tkunx korretta, jew minħabba li l-formola tan-nomina ma tkunx magħmula jew ma tkunx ġiet moghtija skont id-dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew għar-raġunijiet oħra li jiksru dawn ir-regolamenti. Il-Kummissjoni trid tiddeċiedi fi żmien ta' erbgħa u għoxrin siegħa dwar kull oġġezzjoni. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni hija waħda appellabbli quddiem Arbitru maħtur mill-Ministeru kif jidher fis-subinciz (c) ta’ dan l-Artikolu, liema deċizjoni trid ikollha r-raġunijiet li wasslet għaliha l-Kummissjoni.

(b) Il-Kummissjoni f'kaz li tirċievi xi oġġezzjoni dwar il-validità ta ́ 'warrant' għandha tikkonsulta mal-Bord tal-Inġiniera, qabel ma tesprimi d-deċiżjoni tagħha liema deċizjoni tkun waħda finali.

(c) Il-Ministeru għandu jaħtar Arbitru sa qabel id-data tal-oġġezzjonijiet jew irtirar tan-nominazzjonijiet sabiex jisma l-appell ai termini tal-Artikolu 12(a)

13. Il-Kummissjoni għandha tippublika l-ismijiet tal-kandidati approvati għall-elezzjoni kemm jista' jkun malajr wara li jiskadi ż-żmien iffissat biex jiġu milqugħa oġġezzjonijiet jew irtirat tan-nomini.

**VOTAZZJONI**

14. Il-votazzjoni ssir f'ġurnata waħda hekk kif stabbilita mill-Kummissjoni, nhar it-Tnejn 2 ta' Settembru 2024. Il-votazzjoni tkun miftuħa mis-saghtejn ta wara nofsinhar (2:00 p.m.) sas-sebgħa (7) ta' filgħaxija (7:00 p.m.).

15. Il-poloz tal-votazzjoni li jintużaw għall-elezzjoni għandhom ikunu ta' forma preskritta mill-Kummissjoni, u l-ismijiet tal-kandidati li jidhru fil-poloz tal-votazzjoni għandhom ikunu bl-ordni tal-alfabett skont il-kunjom u skont il-linja (branka) tal-Inġinerija jiġifieri jekk elettriku jew mekkanika.

    Votanti għandhom jivvutaw f'kamra li jkun hemm apposta fil-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Xogħlijiet Pubbliċi fil-Main Hall (Level – 1) Project House Triq Francesco Buonamici, Floriana,

16. Biex wiehed jivvota jrid juri lill-Kummissjoni, l-Karta tal-Identità jew dokument uffiċjali ieħor li jkun bir-ritratt.

17. Il-membri tal-Kummissjoni għandhom, wara talba ta' dawk il-persuni li huma intitolati li jivvutaw, jagħtu l-polza tal-votazzjoni lilhom personalment fil-kamra fejn ikun hemm il-kaxxa tal-votazzjoni, u m'ghandhom taħt l-ebda ċirkostanza jħallu lil xi persuna tieħu xi polza tal-votazzjoni barra minn dik il-kamra u għandhom jagħmlu attenzjoni stretta sabiex il-votant jitfa' l-polza fil-kaxxa tal- votazzjoni qabel joħroġ mill-kamra. Ma jistgħux jintuzaw mezzi telefonici għal kwalunkwe raguni ġewwa l-kamra tal-votazzjoni.

18. Il-votant għandu jivvota b'mod sigriet billi jimmarka b'salib ħdejn mhux aktar minn tliet ismijiet (3) kandidati u li mill-inqas ikun hemm għażla minn kull branka t'inġinerija.

19. Il-Kummissjoni għandha taqta' minn fuq il-lista msemmija f'paragrafu 5 ta dawn ir-regolamenti l- ismijiet ta' dawk kollha li jkunu vvutaw.

20. L-ebda votazzjoni m'għandha ssir wara li jagħlaq il-ħin stabbilit għall-votazzjoni mill-Kummissjoni minbarra dawk il-persuni li jkunu preżenti fil-kamra tal-votazzjoni meta jagħlaq il-ħin; izda l-Kummissjoni tista' ttawwal il-ħin stabbilit għall-votazzjoni minħabba raġunijiet li fl-opinjoni tal-Kummissjoni jkunu straordinarji.

**GĦADD TAL-VOTI**

21. Il-Kummissjoni għandha tgħodd il-voti mitfugħa kemm jista' jkun malajr wara li jagħlaq il-ħin tal-votazzjoni.

22. Il-polza tal-votazzjoni għandha titqies bħala invalida meta l-imsemmija polza tal-votazzjoni:

i. ma jkun fiha ebda preferenza;

ii. ikun fiha aktar minn tlett (3) preferenzi

iii. ikun fiha tlett preferenzi mill-istess branka t'inginierija

iv. ikun fiha xi marka jew sinjal li tista' b'xi mod tikxef l-identità tal-votant, jew tħassar il-polza tal-votazzjoni;

v. ma jkunx fiha t-timbru uffiċjali tal-Kummissjoni

23. Dawk Il-kandidati li jġibu l-akbar numru ta' voti skond il-linja (branka) tal-Inġinerija jiġifieri jekk elettriku jew mekkanika għandom jiġu ddikjarati eletti mill-Kummissjoni.

a. Jekk zewg kandidati jew aktar iġibu numru ta' voti indaqs li jkun l-akbar ammont ta' voti, għandha ssir elezzjoni parzjali bejn dawk il-kandidati skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 14 sa 25 ta' dawn ir-regolamenti.

24 Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni fuq il-post li fih il-persuna għandha tivvota, il-validità ta' xi polza tal-vot u r-riżultat tal-elezzjonijiet tkun finali u konklussiva.

25. Il-Kummissjoni għandha kmieni kemm jista' jkun wara li jiġi magħruf ir-riżultat tal-għadd tal-voti tirrapporta r-riżultat tal-elezzjoni lis-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Xogħlijiet Pubbliċi fil-Blk B, Triq Francesco Buonamici, Floriana u ghandu jitpogga r-rizultat finali fuq is-sit elettroniku tal-Bord tal-Inginiera.